



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Marzu 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0061 (COD)

7173/18
ADD 3

VISA 51
COMIX 133
CODEC 386

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Marzu 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2018) 78 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL- PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il- Viżi)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2018) 78 final.

Mehmuż: SWD(2018) 78 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.3.2018
SWD(2018) 78 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

**PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-
Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi)**

{COM(2018) 252 final} - {SWD(2018) 77 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt għal proposta li temenda l-Kodiċi dwar il-Viżi
A. Il-ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?
Il-Kodiċi dwar il-Viżi li jirregola l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għaż-żona ta' Schengen ilu fis-seħħ sa mill-2009. Fl-2014, il-Kummissjoni pproponiet modifika tar-regolament li dwarha l-koleġiżlaturi ma setgħux jilhqnu qbil. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta inizjattiva ġdida sabiex jiġu indirizzati tliet oqsma problematiċi: 1. Ir-riżorsi finanzjarji miksuba permezz tat-tariffi tal-viża huma insuffiċjenti sabiex isostnu l-ipproċessar tal-viżi, u dan jimmina l-integrità tal-ħruġ tal-viżi ta' Schengen u l-oġettiv li jkun hemm proċeduri tal-ħruġ tal-viżi rapidi u faċli għall-applikanti. Il-problema ewlenija ġejja mill-fatt li t-tariffa standard tal-viża ta' EUR 60 baqgħet ma nbidltx mill-2006 lil hawn. 2. Il-vjaġġaturi regolari jkollhom jgħaddu minn proċeduri ripetuti għall-viża, minħabba li l-Istati Membri ma joħorġux ammont suffiċjenti ta' viżi għal dħul multiplu (MEV) b'validità twila. Dan joħloq piżijiet bla bżonn għall-applikanti kif ukoll għall-konsulati u jwassal għal telf għall-industrija tal-ivvjaġġar u tat-turiżmu tal-UE. Il-problema ewlenija hija li l-bażi ġuridika għall-ħruġ ta' MEV b'validità twila mhijiex ċara. 3. L-Istati Membri għandhom diffikultajiet fil-kisba ta' livelli suffiċjenti ta' ritorn ta' migranti irregolari lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, u dan joħloq inċentiv għal aktar migrazzjoni illegali. Il-problema ewlenija hija li xi pajjiżi terzi ma jkunux iridu jieħdu lura ċ-ċittadini tagħhom stess.
X'għandu jinkiseb?
L-oġettiv ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa li tissaħħaħ il-politika komuni dwar il-viżi filwaqt li jiġi indirizzat it-tħassib dwar il-migrazzjoni u s-sigurtà minn naħa waħda u jittieħed kont ta' konsiderazzjonijiet ekonomiċi u r-relazzjonijiet esterni ġenerali min-naħa l-oħra. Jeżistu tliet oġettivi speċifiċi: 1. garanzija ta' biżżejjed riżorsi finanzjarji lill-Istati Membri sabiex titthares il-kwalità u l-integrità tal-ipproċessar tal-viża; 2. garanzija ta' ħruġ aktar sistematiku u armonizzat tal-viżi ta' dħul multiplu b'validità twila għal vjaġġaturi bona fide regolari; 3. Jitmexxew 'il quddiem l-interessi tal-UE fil-qasam tar-ritorn u r-riammissjoni billi jiġi stabbilit vantaġġ fil-konfront ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-qasam tal-politika dwar il-viża.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
It-tneħħija tal-kontrolli mill-fruntieri interni fiż-żona Schengen teħtieġ, fost miżuri oħra, politika komuni dwar il-viżi. L-inizjattiva se tkompli tiżviluppa u ttejjeb ir-regoli fil-Kodiċi dwar il-Viżi. Fil-prinċipju, il-viża għal soġġorn qasir tippermetti lid-detentur li jiċċirkola b'mod liberu fiż-żona ta' Schengen, u dan jimplika l-oġġla grad ta' regoli armonizzati u jista' jiġi indirizzat biss fil-livell tal-UE.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma l-għażliet differenti biex jinkisbu l-għanijiet? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?
<u>Qasam problematiku 1: Riżorsi finanzjarji insuffiċjenti li jsostnu l-ipproċessar tal-viżi</u> – Opzjoni 1A: status quo – it-tariffa komuni tal-viża tibqa' kif inhi ta' EUR 60 – Opzjoni 1B: tariffi nazzjonali tal-viżi abbażi tal-ispejjeż amministrattivi – Opzjoni 1C: żieda fit-tariffa komuni tal-viża. Ġew ikkunsidrati diversi opzjonijiet subalterni: EUR 80, EUR 100, EUR 120 jew EUR 80 għal viżi ta' massimu ta' sitt (6) xhur, EUR 120 għal MEV għal minn sena waħda (1) sa ħamsa (5). Iż-żieda għal tariffa ta' EUR 80 hija l-opzjoni preferuta. <u>Qasam problematiku 2: Proċeduri ripetuti għall-viża għal vjaġġaturi regolari</u> – Opzjoni 2A: status quo – l-Istati Membri jiddeterminaw l-approċċ tagħhom biex joħorġu MEV b'validità twila – Opzjoni 2B: l-aħjar prassi rakkomandata – Opzjoni 2C: Kaskati komuni ta' MEV¹ b'diversi għażliet subalterni (kaskata MEV ġenerali, kaskati MEV ġenerali u tal-pajjiż, kaskati MEV tal-pajjiż)

¹ Approċċ maqbul dwar kemm viżi/vjaġġi preċedenti jkun irid jagħti prova tagħhom l-applikant sabiex ikun jista' jikkwalifika għal MEV b'validità twila u kif it-tul ta' validità għal kull viża sussegwenti jidded.

- Opzjoni 2D: MEV standard b'validità ta' sentejn (2) jew ħames (5) snin

Il-kaskata MEV ġenerali u tal-pajjiż hija l-opzjoni ppreferuta.

Qasam problematiku 3: Livelli insuffiċjenti ta' ritorn ta' migranti irregolari lejn ċerti pajjiżi ta' oriġini

- Opzjoni 3A: status quo – approċċ "toolbox" tal-Kunsill
- Opzjoni 3B: inċentivi pożittivi fil-politika dwar il-viża
- Opzjoni 3C: inċentivi negattivi fil-politika dwar il-viża b'diversi opzjonijiet subalterni (approċċ massimu mmirat mill-bifu lejn il-passaporti kollha jew approċċ immirat f'żewġ fażijiet: passaporti diplomatiċi u tas-servizz, imbagħad passaporti ordinarji)

L-opzjoni ppreferuta hija dik ta' **inċentivi negattivi b'approċċ immirat**.

X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Min jappoġġja liema għażla?

Saru konsultazzjonijiet immirati (mal-Istati Membri, l-assoċjazzjonijiet fl-industrija tat-turiżmu, tal-ivvjaġġar, daww marittimi, eċċ.) kif ukoll konsultazzjoni pubblika. L-Istati Membri jiffavorixxu b'mod ċar żieda fit-tariffa tal-viża kif ukoll l-introduzzjoni ta' rabta legali bejn il-politika dwar il-viża u r-riammissjoni ta' migranti irregolari. L-assoċjazzjonijiet tat-turiżmu u tan-negozju jenfasizzaw l-effetti negattivi ta' proċeduri ripetuti tal-viża għal vjaġġaturi frekwenti u tkellmu favur il-ħruġ aktar sistematiku u armonizzat tal-MEV b'validità twila.

C. L-impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta?

- It-tariffa komuni tal-viża ta' EUR 80 se tipprovdi dħul addizzjonali għall-Istati Membri ta' EUR 205 miljun (+26 %), b'hekk jidħlu aktar riżorsi finanzjarji għall-ipproċessar tal-viżi, il-persunal u t-taħriġ – proċeduri aktar rapidi u sigurtà akbar fiż-żona Schengen.

- Il-kaskata MEV ġenerali u tal-pajjiż jippermettu li jinħareġ ammont akbar ta' MEV b'validità twila, li joħloq flessibilità tal-ivvjaġġar għal daww li jivvjaġġaw ta' spiss; iffrankar tal-ispejjeż għall-applikanti tal-viża u għall-konsulati minħabba inqas proċeduri tal-viża u aktar vjaġġar lejn l-UE, b'riperkussjonijiet pożittivi għall-industrija tat-turiżmu tal-UE (kompetittività u impjiegi).

- L-inċentivi negattivi fil-politika dwar il-viżi (bl-approċċ immirat) għandhom ikunu ta' kontribut għal rati oġġla ta' ritorn ta' migranti irregolari lejn pajjiżi terzi li qabel ma kinux jikkooperaw, ta' ffrankar ta' spejjeż għall-Istati Membri fejn jidħlu akkomodazzjoni, ikel, u spejjeż amministrattivi, u b'mod aktar ġenerali livell oġġla ta' sigurtà, aċċettazzjoni aħjar tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni, kif ukoll ikollhom effett ta' deterrent fuq il-migranti irregolari potenzjali fil-ġejjieni.

X'inhuma l-kosti tal-għażla ppreferuta?

Iż-żieda fit-tariffa komuni tal-viża għal EUR 80 timplika spejjeż addizzjonali għall-applikanti tal-viża (li jikkorrispondu għad-dħul addizzjonali lill-Istati Membri); madankollu, peress li ż-żieda hija raġonevoli mhux mistenni li jkun hemm xi effett negattiv fuq l-ivvjaġġar. Il-kaskata MEV ġenerali u tal-pajjiż m'huma se jkollhom l-ebda kost. L-inċentivi negattivi fil-politika tal-viża (l-approċċ immirat) jista' jkollhom impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet esterni tal-UE kif ukoll fuq id-dehra tal-UE fid-dinja.

X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?

L-ebda waħda mill-opzjonijiet preferuti ta' politika ma għandha xi impatt dirett fuq l-SMEs u l-kompetittività. Aċċess aktar faċli għal MEV b'validità twila, u ż-żieda konsegwenti fl-ivvjaġġar lejn l-UE se ssaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tal-ivvjaġġar u tat-turiżmu tal-UE.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Se jkun hemm impatti pożittivi mit-tliet opzjonijiet preferuti kollha: dħul addizzjonali mit-tariffa oġġla tal-viża għall-ipproċessar ta' viżi; iffrankar ta' spejjeż minħabba li se jkun hemm anqas proċeduri tal-viża minħabba aktar ħruġ ta' MEV b'validità twila; iffrankar tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, l-ikel, u tal-ispejjeż amministrattivi fuq migranti irregolari.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Ma hu se jkun hemm l-ebda impatti sinifikanti oħra apparti daww imsemmija hawn fuq.

Proporzjonalità?

It-tliet opzjonijiet preferuti jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità u ma jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv. Iż-żieda fit-tariffa tal-viża li qiegħda tiġi proposta hija proporzjonata u hija l-eqreb lejn ir-rata tal-inflazzjoni sa mill-2006. L-approċċ propost għall-ħruġ ta' MEV b'validità twila jgħib progress fis-sitwazzjoni attwali, iżda ma jibdilx b'mod radikali il-prattiki ta' bħalissa tal-Istati Membri. L-inċentivi negattivi sabiex tiġi nkoraggjata l-kooperazzjoni ta' pajjiżi terzi fir-riammissjoni se jkunu mmirati l-ewwel lejn il-gvern, qabel ma tkun affettwata l-popolazzjoni ġenerali.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni **tliet snin wara l-bidu tal-applikazzjoni** tar-regolament rivedut (jiġifieri tliet snin u nofs wara d-dħul fis-seħħ tiegħu). Dan għandu jivvaluta l-progress fir-rigward tat-tliet oqsma problematiċi u l-oġettivi ta' politika ewlenin indirizzati.